MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2023

Appell Inferjuri Numru 158/2022 LM

**Albert Cassar (K.I. nru. 647561(M))**
*('l-appellat')*

***vs*.**

**Enemalta Corporation; u b'digriet tal-5 ta' Mejju 2017 Engineering Resources Limited (C 65835) assumiet l-atti tal-każ**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Engineering Resources Limited (C 65835)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni

[minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’] fit-2 ta’ Diċembru, 2022, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru. 4067/22AM deċiżjoni preliminari nru. 2870, fejn it-Tribunal ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tagħha magħmula *ai termini* tal-artikoli 30 u 75 tal-Att Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali fil-konfront tat-talbiet tar-rikorrent **Albert Cassar (K.I. nru. 647561(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellat’], u ordna l-prosegwiment tal-każ.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw l-impieg tal-appellat mal-Korporazzjoni Enemalta. Jirriżulta li huwa beda jaħdem mal-Enemalta fis-sena 1980, u sussegwentement fis-sena 2010 wara proċess selettiv, ġie magħżul għall-kariga ta’ *Designate Superintendent.* Fl-istess sena 2010 twettqet ri-organizzazzjoni tat-Taqsima tal-Pitrolju li magħha tagħmel is-Sezzjoni tal-Avjazzjoni, u b’hekk ingħatat żieda fil-pagi tal-impjegati, iżda allegatament il-paga tal-appellat ma żdieditx. Imbagħad permezz ta’ ittra tat-3 ta’ Novembru, 2014 huwa ġie mgħarraf li l-paga tiegħu kellha tkun dik skont Skala 5 tal-Ftehim Kollettiv tas-Servizz Pubbliku 2011-2016, u dan b’effett mit-30 ta’ Awwissu, 2014, u huwa kellu jirċievi l-arretrati għall-perijodu bejn l-1 ta’ Jannar, 2014 u d-29 ta’ Awwissu, 2014.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellat għalhekk istitwixxa proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili, Prim’Awla, fl-24 ta’ Frar, 2017 permezz ta’ rikors ġuramentat fil-konfront ta’ Enemalta Corporation, fejn talab lill-imsemmija Qorti sabiex jogħġobha:

*"1. [tiddikjara illi] d-deċizjoni datata sitta u għoxrin (26) t'Awwissu elfejn u sittax (2016), li l-esponenti ma jingħatax d-differenza dovuta lilu mis-sena elfejn u għaxra (2010) sa Diċembru elfejn u tlettax (2013) hija waħda* ultra vires *li saret bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali;*

*2. tannulla l-imsemmija deċiżjoni;*

*3. tordna lis-socjetà intimata tħallas kull ammont ta' differenza dovuta lill-esponenti mis-sena elfejn u għaxra (2010) sa Diċembru elfejn u tlettax (2013) kif ukoll tħallas kull ammont ekwivalenti għad-danni ikkawżati lir-rikorrenti b'kaġun tal-aġir tas-soċjetà intimata jew min minnhom a tenur tal-Artikolu 469(A)(b)(i)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex isir tajjeb għal kemm ilu inġustament u mingħajr ebda tort* da parte *tiegħu jitlef flus annwalment;*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati minn issa nġunti in subizzjoni."*

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fis-27 ta' Marzu, 2017 fejn filwaqt li ssottomettiet li t-talbiet tal-appellat huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, eċċepiet is-segwenti: (a) il-Korporazzjoni Enemalta kienet waqfet milli teżisti, u hija kienet responsabbli għall-impjegati li ġew trasferiti mingħandha, iżda kwalunkwe deċiżjoni li hija setgħet tieħu ma tistax tinkwadra fil-parametri tal-artikolu 469(A) tal-Kap. 12; (b) il-Qorti ma kinitx kompetenti li tiddeċiedi l-ilment tal-appellat għaliex il-kwistjoni kienet taqa' taħt il-kompetenza tat-Tribunal; (ċ) skont it-tielet talba tal-appellat u r-raġunijiet relatati magħha, il-mertu kien jittratta ħlas tax-xogħol ta' valur ugwali, li għalhekk jaqa' taħt l-artikolu 27 tal-Kap. 452 u kif interpretat mill-Qrati Maltin u dawk Ewropej; (d) l-appellat kellu rimedju effettiv billi jressaq kawża quddiem it-Tribunal skont il-Kap. 452; (e) l-argumenti tal-appellat m'għandhom l-ebda bażi legali u ma jinkwadrawx fil-parametri tal-artikolu 469(A) tal-Kap. 12; (f) l-appellat ma sofra l-ebda dannu u lanqas ma ġie ddiskriminat b'xi mod; (ġ) kienu biss xi gradi speċifiċi tas-Sezzjoni tal-Avjazzjoni li ħadu żieda, u dawn ma kienux jagħmlu l-istess xogħol bħal dak tal-appellat; (g) l-appellat beda jaħdem mal-Korporazzjoni Enemalta mis-7 ta'

Marzu, 1984 bħala *Fitter (Mechanical),* u fit-3 ta' Diċembru, 2008 ingħata promozzjoni għal *Aviation Superintendent* f'Skala 7; (għ) fit-30 ta' Settembru, 2014 hija kienet iffirmat ftehim għas-Sezzjoni Avjazzjoni applikabbli mill-1 ta' Jannar, 2014, fejn l-impjegati fil-grad ta' *Shift Leader, Fuel Controller, Bulkman* u *Senior Aviation Crewman* ingħataw skala ogħla, u ngħataw żieda fis-salarju u *allowance*; u (ħ) l-appellat ma kienx kopert minn dan il-ftehim, iżda ngħata żieda fl-iskala sabiex ġie promoss għal Skala 5, u b'hekk is-salarju tiegħu żdied.

5. Il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, iddeċidiet l-eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjetà appellanta permezz tas-sentenza tagħha tat-12 ta' Lulju, 2018, billi laqgħet it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tagħha, filwaqt li ċaħdet it-talbiet tal-appellat bl-ispejjeż kontrih, u ddikjarat li hija m'għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża stante li l-ilment tal-appellat kien jaqa' fil-kompetenza ta' tribunal ieħor, u għaliex ir-rimedju mitlub seta' jinkiseb skont liġi oħra u mhux permezz ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju.

6. L-appellat appella minn din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell (Superjuri) permezz ta' rikors fl-1 ta' Awwissu, 2018, fejn talab ir-revoka tas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, u talab li l-Qorti tibgħat l-atti lura quddiem din tal-aħħar sabiex tiddeċiedi dwar it-talbiet tiegħu, u fin-nuqqas tibgħat l-atti quddiem it-Tribunal sabiex jieħu konjizzjoni tal-kawża odjerna skont il-para. (b) tal-artikolu 741 tal-Kap. 12, u jkompli jisma' l-istess kawża. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) iddeċidiet ir-rikors tal-appell tiegħu permezz tas-sentenza tagħha tal-4 ta' Mejju, 2022, billi kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti fejn din iddikjarat li hija ma kellha l-ebda kompetenza sabiex tisma' l-kawża u ħassritha

fejn l-istess Qorti ċaħdet it-talbiet tal-appellat, filwaqt li ordnat li l-atti tal-kawża kellhom jintbagħtu quddiem it-Tribunal.

**Id-deċiżjoni appellata**

7. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

*"**Kunsiderazzjonijiet***

*Illi dan it-Tribunal josserva li l-ewwel talba tar-rikorrent hija dikjarazzjoni li d-deċiżjoni tas-soċjetà ntimata tas-26 t'Awwissu 2016 li ma jingħatax id-differenza dovuta lilu mis-sena 2010 sa Diċembru 2013 hija waħda* ultra vires *li saret bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali.*

*Illi ma hemm ebda dubju li l-perijodu ta' erba' (4) xhur kif hemm indikat fl-artikolu 75(3) tal-Kap 452 huwa wieħed ta' dekadenza u mhux wieħed ta' preskrizzjoni li jista' jiġi nterrott.*

*Fis-sentenza tal-**Qorti tal-Appell sede inferjuri per Imħ Philip Sciberras fl-ismijiet Grezzju Azzopardi vs Public Broadcasting Services Limited deċiża fit-28 ta' Jannar 2008**, it-Tribunal Industrjali kien laqa' l-eċċezzjoni ta' dekadenza iżda l-Qorti tal-Appell kienet ħassret din id-deċiżjoni stante li l-artikolu 75(3) tal-Kap 452 jitkellem fuq it-teħid ta' azzjoni fit-terminu statutorju prefiss mid-data effettiva tal-ksur allegat; invece l-artikolu 30(1) jistipula li fil-kaz ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-impjieg żmien utli għall-preżentata tal-ilment mill-ksur allegat. Il-Qorti kkonkludiet kif ġej:*

"Huwa sintomatiku f'materja ta' ksur bħal dan illi minn natura stess tiegħu ma jistax jiġi alleċċjat ma' xi data effettiva in kwantu jekk l-appellanti, kif allegat, ikompli jissubixxi l-istess trattament differenzjali u jissokta jirċievi rata ta' rimunerazzjoni inferjuri għal xogħol ta' valur ugwali, komparat ma' ħaddiema oħra fl-istess klassi, tali ksur ma jistax ħlief jitqies wieħed li, kif kwalifikat mill-każistika Ingliża ċitata mill-appellanti, huwa a continuing act perkorribbli matul id-durata tal-impjieg."

*Mill-provi jirriżulta li l-ksur lamentat huwa ta' natura kontinwata u għaldaqstant għar-raġunijiet premessi t-Tribunal qed jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjoni tas-soċjetà ntimata u jordna l-prosegwiment tal-każ."*

**L-Appell**

8. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-7 ta' Diċembru, 2022 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"a. tannulla, tħassar u tirrevoka d-Deċiżjoni Preliminari appellata numru 2870 mogħtija mit-Tribunal Industrijali fit-2 ta' Diċembru 2022;*
*b. tiddikjara li l-każ huwa dekadut billi skadew l-erba' xhur ai termini ta' Art. 30 u 75(3) tal-Atti dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali; u*
*c. tordna li t-Tribunal Industrijali jieqaf milli jisma' l-każ jew;*
*d. tagħti kwalunkwe direzzjoni jew ordni oħra li l-Qorti jidhrilha xieraq.*

*Bl-ispejjeż kontra l-appellat."*

Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li t-Tribunal iddeċieda billi straħ fuq raġunament legalment żbaljat għaliex ikkunsidra li l-allegat trattament diskriminatorju huwa wieħed kontinwu jew li għadu għaddej sallum, meta dan kien waqaf fit-2013.

9. L-appellat għażel li ma jweġibx.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Il-Qorti ser tgħaddi qabel xejn sabiex tistħarreġ jekk l-appell odjern huwiex ammissibbli *ai termini* tal-liġi. Tibda billi tirrileva li għalkemm is-soċjetà appellanta tiddikjara fit-tieni paragrafu tar-rikors tagħha li l-appell odjern huwa msejjes fuq l-artikolu 229 tal-Kap. 12, id-disposizzjonijiet tal-imsemmi artikolu jittrattaw digrieti. Jirriżulta b'mod inekwivoku, u dan kif is-soċjetà appellanta stess tagħraf fit-tielet paragrafu tal-imsemmi rikors tagħha, li t-Tribunal iddeċieda l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta magħmulin *ai termini* tal-artikoli 30 u 75 tal-Kap. 452 permezz ta' sentenza preliminari. Dan saħansitra ġie dikjarat wkoll f'termini ferm ċari mit-Tribunal stess fil-verbali tat-tielet u tar-

raba' seduta tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-appell odjern jistrieħ fuq disposizzjonijiet tal-liġi li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-proċedura tat-Tribunal meta dan għażel li jiddeċiedi eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà appellanta.

11. It-tieni punt li l-Qorti tirrileva jirrigwarda dikjarazzjoni oħra li għamlet is-soċjetà appellanta fil-ftuħ tas-sottomissjonijiet tagħha fir-rikors tal-appell. Hawnhekk hija tipprova ssejjes l-appell tagħha fil-liġi billi tikkontendi li huwa wieħed magħmul fuq punt ta' dritt, iżda l-Qorti tgħid li ġaladarba l-kwistjoni bejn il-partijiet ma tittrattax tkeċċija nġusta, is-subartikolu 82(1) tal-Kap. 452 ma jagħti l-ebda dritt ta' appell lis-soċjetà appellanta mid-deċiżjoni appellata. Hawn ukoll id-disposizzjonijiet tal-liġi huma ċari u ma jagħti l-ebda setgħa lil din il-Qorti li tisma' l-appell odjern.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi billi tiddikjara l-appell odjern irritu u null, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**